**Minuti tal-Wieħed u Għoxrin (21) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| | |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

***Skużati***

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Għoxrin (20) -il Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tal-Għoxrin (20) Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 20

Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa, il-Minuti tal-Għoxrin (20) Laqgħa ġew approvati u ffirmati.

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 20)**

2.01 Peress li l-Kunsill hu tal-fehma li din it-trofej hu ta' valur kulturali għall-komunita, ġie deċiż li l-avukat għandu jikteb lid-dipartiment li dan it-trofej mhux donazzjoni, iżda parti mill-assi tal-Kunsill. Is-Sindku Graziella Galea u l-Kunsillier Alfred Grima tennew li skont ir-riforma mħabbra, l-aspett kulturali hu ferm importanti. Kont tat-trofej tal-injam

2.02 L-isem tat-triq li tinsab hekk kif iddur fi Triq it-Tamar għandha tissemma' għall-ispiżjar Joseph Sciberras. Isem ta' Triq

2.03 In-Northern Cleaning bagħtu ittra lill-Kunsill (hawn annessa). Il-Kunsill talab li naraw il-legalita' tagħha. Sadanittat, il-Viċi-Sindku attenda laqgħa fejn ġie nfurmat li l-kunsilli se jingħataw fondi ta' €20 kull tunellata għall-ġbir ta' l-iskart organiku u għandha ssir kampanja sabiex jiġi rreċiklat aktar skart biex niffrankaw l-ispiża tal-ġbir. Ġie deċiż li l-offerta għall-ġbir ta' skart organiku tinħareġ. Kuntratt ta' ġbir ta' Skart

Sadanittant il-Kunsill għandu jagħmel avviż fuq il-mezzi tax-xandir fejn jinforma lill-pubbliku li l-ġbir ta' skart separat isir kull nhar ta' Ħamis.

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.

2.04 L-istima tas-sistema ta' rekord ta' rċevuti maħruġa mill-Kunsill tammonta għal madwar €3 330 (VAT eskluża). Ġie deċiż li jinġabru tlett kwotazzjonijiet. — Sistema ta' Rekord ta' Dħul tal-Kunsill

2.05 Il-kuntrattur Sunsource Ltd informa lill-Kunsill li l-apparat se jasal Malta fil- 5 ta' Ottubru 2009 u se jiġi nstallat bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru 2009. — Dawl Triq Jean de La Cassiere

2.06 Id-dipartiment irrisponda li sallum kunsillier jista' jitlob rifużjoni għal ħlas minfuq fuq xogħol tal-Kunsill sakemm tali pagamenti jkunu ċċertifikati mis-Segretarju Eżekuttiv. Ladarba tgħaddi l-liġi, dan ma jkunx aktar possibbli. — Reminder

2.07 Il-kuntrattur aċċetta l-proposta tal-Kunsill. — Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff b' Emerġenza

2.08 Inġabret kopja tal-formola li l-Kunsill Lokali B'Kara juża għat-tabelli li fuqhom ikun hemm l-isem tal-ħanut flimkien ma' sinjal ta' direzzjoni. Ġie deċiż li mmexxu għas-sett ta' bye-laws li jirregolaw dawn it-tabelli. — Tabelli

2.09 Intgħażlet l-orħos waħda li hi ta' €0.28 kull metru kwadru u l-promenade inħaslet darba. — Ħasil tal-Promenade

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

2.10 Ġie deċiż li tintbagħat default lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, abbażi li xi skart qed jinġabar fis-6.30am. — Default

2.11 Għandu jsir follow-up — Wardija: Parkeġġ Ristrett

2.12 Il-Kunsillier Mario Camilleri talab kopja tal-korrispondenza li ntbagħtet lill-pulizija relatata mas-sandwich boards. Filwaqt li ġie nnutat li l-enforcement għandu jkun ma' kulħadd, ġie deċiż li ngħaddu l-ilment lill-Ispettur Bond. Il-Kunsill għandu jiċċekkja jekk il-bankini jaqgħux taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill fejn jirrigwarda nfurzar. — Sandwich boards

2.13 Il-Kunsillier Mario Camilleri talab kopja tal-korrispondenza relatata mal-culvert ta' Triq il-Mosta. — Culvert

2.14 Il-Kunsillier Mario Camilleri talab kopja tat-talba mressqa lill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta għall-istreet calmers flimkien ma' kopja tar-*reminder*. — Street Calmers

2.15 Ix-xogħol ta' tindif tal-culverts mill-kuntrattur tal-Kunsill sar. — Tindif Culverts

Is-Sindku pproponiet li item 6: Għażla ta' Offerti, SPBLC 09/2009: Assikurazzjoni, titla' bħala l-item li jmiss għad-diskussjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

## 6.00 Għażla ta' Offerti

### a) SPBLC 09/2009: Assikurazzjoni

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li daħlet offerta waħda mingħand is-Central Insurance Brokers Ltd li tammonta għal €13 365.99 maqsuma f'€12 595.99 għal *traders combined liability* u €770.37 għal *group personal accident*.

Is-Sindku pproponiet li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex l-offerent jagħti spjega elaborata tal-offerta mitfugħa. Il-Kunsill qabel.

Hekk kif tkompliet il-laqgħa, is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jaħtar inġinier indipendenti sabiex jispezzjona l-istat tal-bandli, liema eżerċizzju, skont il-*warranty* tal-offerta irid isir kull sitt xhur. Il-Kunsill talab lill-offerent biex jirrevedi l-proposta li uffiċjal tal-Kunsill jagħmel spezzjoni viżwali kull ġimgħatejn. Il-Kunsill approva li l-garaxx ta' Burmarrad għandu jiġi assikurat.

Is-Sindku pproponiet li din l-offerta tingħata lis-Central Insurance Brokers Ltd. Il-Kunsill approva.

3.00 **Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref:55/4448/09/I:** Il-Kunsill ħa nota tal-proposta tal-Green MT fir-rigawrd ta' skart tal-ippakkeġġjar (skart separat) u anke skart ta' affiarijiet elettriċi u elettroniċi. Green MT

3.02 **Ref:55/5858/09/I:** Il-Perit tal-Kunsill ressaq proposta sabiex isir żvilupp ta' ġnien pubbliku fuq l-art fi Triq San Geraldu li tħares fuq il-Menqa. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jaħdem fuq proġġett taħt l-iskema *Urban Improovment Fund*. Il-Kunsill approva dan l-iżvilupp. Is-Sindku pproponiet li għandhom jitkomplew il-kumplament tal-bankini fil-viċinanzi taċ-ċentru direzzjoni lejn il-Veċċja li ma kienux saru. Il-Perit għandu wkoll jiċċekkja l-wiċċ tat-triq fl-akkwata peress li niżlet u jekk hemm bżonn tiġi nkluża mal-proġett u jħallas għaliha l-Kunsill jekk ikun il-każ. Il-Kunsill approva. UIF

Il-Kunsill approva li jekk il-kisi ta' grawnds tal-futbol bit-turf jaqgħu taħt il-UIF, il-perit għandu jmexxu fuq il-grawnd tal-Qawra u Burmarrad.

Għandu jiġi wkoll identifikat xi proġett għall-Wardija.

3.03 **Ref:55/6047/09/I:** Il-Kunsill approva li l-Vodafone jarmaw Mobile Units ħdejn Ta' Fra Ben jew ħdejn il-Bumping Cars meta jkollom bżonn. Vodafone

Gie deċiż li jekk ikun hemm talbiet simili l-Kunsill jimxi fuq l-istess linja gwida li mexa ma' kumpaniji simili.

3.04 **Ref:55/5910/09/I:** Demicoli & Assocates infurmaw lill-Kunsill li l-patrijiet Franġiskani tal-Qawra qablu li m'għandhomx joġġezjonaw li Triq Gdida fi Triq Annetto Caruana, Qawra tidjieq abbażi li ssir skont il-pjanti ppreżentati li jindikaw li l-garaxxijiet se jkunu taħt l-art u parkeġġ mhux ser jintilef. Gie deċiż li nistiednu lil Perit għall-laqgħa tal-Kunsill. Talba biex tidjieq Triq Gdida fi Triq Annetto Caruana

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra

3.05 **Ref:55/6232/09/I:** Is-Sindku ippreżentat l-applikazzjoni u regolamenti għall-*Environment Award 2009 to Industries.* Kunsilliera li għandhom xi idejat għandhom jibgħatuhom mill-aktar fis possibbli. Environment Award 2009 to Industries

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra

Il-Kunsillier Peter Abela ħareġ mill-kamra

3.06 **Ref:55/6299/09/I:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-risposta tad-domanda tal-Kunsillier Alfred Grima dwar kemm il-ċitazzjoni nħarġet bi ksur ta' Avviż Legali 119 tal-2002 mill-1 ta' Marzu 2009 sat-18 ta' Settembru 2009 kienet li nħarġet ċitazzjoni waħda. Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa x'qed jagħmlu l-gwardjani lokali: dan għaliex fl-istess triq li kien qed jaħdem kuntrattur għandu, ingħataw żewġ ċitazzjonijiet. Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni fil-konfront ta' nuqqas serju sabiex tittieħed kull azzjoni meħtieġa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Mario Camilleri. Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li nistaqsu lill-Kumitat Konġunt jekk hux qed isir tracking adekwat tal-gwardjani lokali waqt dmirijiethom. Hu nnota nuqqas ta' ċitazzjonijiet li nħargu fejn setgħu jinħarġu. Staqsa wkoll fuq liema bażi nħarġu ċ-ċitazzjonijiet. KKT - Citazzjonijiet

Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa wkoll għaliex il-gwardjani ma jagħtux każ li fi Triq il-Mosta fejn Gormina tkun imblukkata għal ħin twil.

Il-Kunsillier Alfred Grima ippropona li jkun hemm default notice abbażi li qed jingħataw ċitazzjonijiet lil xi wħud u mhux lill-oħrajn. Issekonda l-proposta l-Kunsilliera Mario Camilleri.

Il-Kunsillier Peter Abela daħal fil-kamra.

Gie deċiż li l-Kunsill jistenna sakemm tiġi implimentata r-riforma dwar il-gwardjani lokali.

3.07 **Ref: 55/5312/09/I:** Ir-Roundabout tal-Veċċ ġratilha ħsara rreparabbli. Meta saret spezzjoni, ma' supplier, intalbet stima ta' l-istess apparat. Dan is-supplier ġibed l-attenzjoni li hemm xi bandli oħrajn mkissra. Gie deċiż li jinġabru tlett kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward. — Bandli tal-Veċċ

3.08 **Ref:55/5415/09/I:** Id-Dipartiment irrisponda li fl-abbozz tal-emendi tal-Att dwar il-Kunsill Lokali, il-lista ta' NGO's approvati (li kienet immniżla taħt it-Tmien Skeda) ser tispiċċa, u għalhekk m' għadx kemm skop li għaqda tapplika biex tiġi inkluża f'din l-iskeda. B'din l-emenda, il-Kunsill mhux ser ikun jista' jagħmel l-ebda donazzjoni, lanqas lill-entitajiet bħalissa skedati. — STAND

3.09 **Ref:55/5736/09/I:** Il-Kunsill approva li jipprovdi żewġ skips miftuħa għall-użu tal-iskola waqt li għaddej xi xogħol ta' manutenzjoni. Inġibdet l-attenzjoni li għandu jkun hemm referenza għal din l-għotja u għajnuna oħra mill-Kunsill waqt xi attivita' li ssir mill-iskola. — Skips Skola Wardija

3.10 **Ref:55/6386/09/I:** Ir-risposta tal-Uffiċjal tal-Public Works kienet li fejn ħadmu huma ma kienx hemm bandli. Gie deċiż li nistaqsu lill-Ex Sindku dwarhom. — Bandli ta' Kennedy Grove

3.11 **Ref:55/6401/09/I:** Il-Kunsill approva li jipparteċipa fl-iSkemi Sportivi 2010. Il-Kunsilliera Frank Gauci u Alex Bezzina għandhom jaħdmu fuq din l-inizjattiva. Kopja tad-dokument għandu jintbagħat lill-Kunsilliera kollha. — Skemi Sportivi 2010

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ fil-kamra.

3.12 **Ref:55/6425/09/I:** Il-Kunsill ġie infurmat li għal kull proġett ta' parkeġġi li jinħoloq fil-lokalita' jingħata s-somma ta' €1 164.69 għal kull spazju u li l-fond għal-lokalita' jeċċedi €2 000 000. Fil-Lokalita' hawn erba' siti identifikati mill-MEPA għall-parkeġġi. Il-Kunsill talab li l-Perit jidentifika s-siti għall-parkeġġi sabiex eventwalment ikun jista' iressaq talba lill-MEPA għall-parkeġġi. — Commuted Parking Scheme

Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

3.13 **Ref:55/6464/09/I:** Il-Kunsill approva li orkestra Russa u għanjiet ta' tfal jiġu mtella' fil-lokalita nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru 2009 fil-Parroċċa tal-Qawra. Il-Kunsill se jħallas it-trasport u snacks lill-membri tal-kor. — Orkestra b'Temi Klassiċi Russi

3.14 **Ref:55/6528/09/I:** Il-Kunsill talab li jinġabru tlett kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw żewġ *printers* biex jirriplesja wieħed li ġarrab il-ħsara u li ma jistax jissewwa u ieħor ġdid. — *Printers*

3.15 **Ref:55/5718/09/I:** Il-kuntrattur tal-patching staqsa għaliex ingħata patching fil-Wardija lill-kuntrattur ieħor. Ir-risposta tal-Kunsill hija li l-patching li sar f'din l-akkwata kien bil-*hot asphalt* peress li l-*cold asphalt* hu biss soluzzjoni temporanja. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kuntrattur. — Patching fil-Wardija

3.16 **Ref:55/5790/09/I:** Il-Kunsill m'approvax il-ħlas tal-kunsilliera għall-konferenza "How to Nurture your Leaders Today and Secure your Business Tomorrow" abbażi tal-parir legali. — Konferenza

3.17 **Ref:55/6357/09/I:** Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-10 ta' Ottubru 2009 se ssir l-elezzjoni għall-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. — Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali

3.18 **Ref:55/6466/09/I:** Il-Kunsill ġie magħżul bħala wieħed mill-għaxar finalisti fil-*Local Enterprise Award*. — Green Challenge Award

## 4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol

(a) L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Awissu 2009 ammontat għal €2, 174.40 — Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

(b) L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2009 ammontat għal €179, 274.68 b' żieda tal-kont tas-Sur Frank Zarb li ammonta għal €485.30 abbinat mal-Festival tal-Ħut u l-kont tas-sistema tas-sound għal-Lejla Pawlina li jammonta għal €654.90. Il-Kunsillier Alfred Grima talab li niċċekkjaw jekk l-ispiża għal-Lejla Pawlina m'għandiex teċċedi l-ammont approvat.

Rendikont ta' Ħruġ ta' Fondi

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li għall-kors tas-Sailing applika tifel wieħed u għaldaqstant dan il-kors ma setax jiġi inkluż fl-iskema sportiva. Għaldaqstant hemm differenza ta' €20.00 li dan l-istudent kien ser iħallas inqas mill-ammont li ġie jiswa l-kors. Il-Kunsill approva li din id-differenza għandha tiġi ffinanzjata mill-Kunsill.

Din l-iskema ġiet approvata hekk kif emendata.

(c) Il-Kunsill approva l-Lista ta' Ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Awwissu / Settembru li ammontat għal €5, 255.45.

Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol

**5.00 Mozzjoni – Imressqa mis-Sindku Graziella Galea u ssekondata mill-Kunsillier Frank Gauci bis-suġġett Espressjoni ta' Interess għal Akkwist ta' Bini biex Iservi bħala Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Is-Sindku ressqet il-mozzjoni hawn annessa.

Il-Kunsill approva li tinħareġ espressjoni ta' interess.

Il-Kunsillier Alfred Grima ressaq talba sabiex niċċekjaw dwar x'sar minn biċtejn artijiet: dik taċ-Ċentru Ċiviku ġewwa San Pawl il-Baħar u dik tal-parkeġġ tal-Qawra. Il-Kunsill approva.

**7.00 Offerti li se jagħlqu**

**a) Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini**

Il-Kunsill approva li toħroġ sejħa għall-offerti dwar Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini fejn għandha tiġi nkluża l-latrina ta' Triq San Geraldu.

Gie deċiż li qabel toħroġ is-sejħa, il-Kunsilliera Raymond Bartolo u Alfred Grima jaraw id-dokument u jikkunsidraw jekk toħroġx sejħa waħda jew tinqasam.

**8.00 Kwotazzjoni tal-*Punch Clock***

Intefgħu tlett kwotazzjonijiet bil-VAT inkluż hekk kif ġej:

- Data Byte – *Finger Print Terminal* - € 720
- Philip Toledo – *Finger Print Terminal* - € 725.70
- J. Grima & Co. Ltd. – Option 1 – *Data downloads* minn *Network Cable* - €485.00

Option 2 - *Download* manwali għal *USB Pen Drive* jew dirett fil-*PC* permezz ta' *Network Cable* - € 575.00

Il-Kunsillier Ray Bartolo ġie mitlub jevalwa l-kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill jasal għall-aħjar għażla.

Il-Kunsill qabel.

**9.00 Centru ta' Matul il-Jum**

Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa mad-Direttur tal-Housing, il-Kunsill u d-Direttur għall-kura tal-Anzjani fejn id-Direttur tal-Housing qabel mal-ħsieb li ċ-Centru tal-iScouts fil-Porzjunkula jintuża bħala Centru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani. Hu ssuġġerixxa li jintlaħaq ftehim bejn il-Kunsill, l-iScouts u d-Direttorat tal-Anzjani liema ftehim għandu jiġi mgħoddi lilu sabiex jipprepara il-kuntratt.

Il-Kunsill approva li l-punti mifthema għandhom ikunu hekk kif ġej:

Il-Kera li tiskadi fl-2010 qegħda (€ 116 468.68). Din ser tinqasam:
- (€698.81) li titħallas mill-Kunsill bi skop għall-użu tal-komunita'
- (€465.87) li titħallas mill-iScouts

bħala kirja favur servizz lill-komunita' mill-2011 'l quddiem titla' għal Lm 2 300 li ser tkun
- Lm 1 800 (€4 192.87) mill-Kunsill li titħallas għall-istess għan
- Lm 500 (€1 164.69) mill-iScouts

**Bħala spejjeż tal-Ilma u Elettriku**

L-Iscouts ser jippreżentaw il-kontijiet għal dawn l-aħħar sentejn, jittieħed *average* u d-differenza titħallas mill-Kunsill meta jibda jintuża bħala Centru ta' Matul il-Jum.

**Ħsarat**

Jekk ikun hemm ħsarat, kulħadd jassumi r-responsabilta' tiegħu. Dejjem għandu jsir rapport minnufih meta tinstab xi ħsara.

**Indafa**

Kull parti trid tħalli l-post nadif wara kull attivita' f'kull jum tal-ġurnata. Għandu jitwaqqaf kumitat bejn il-partijiet ikkonċernati biex jiddiskutu l-problemi li jkunu nqalgħu rappreżentant mill-Kunsill, mill-iScouts u uffiċjal inkarigat/a miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

**Dan il-Kuntratt**

Għandu jiġi revedut qabel ma jkun wasal biex jiskadi l-kuntratt tal-kera.

**Spejjeż**

Il-Kunsill ser jiffinanzja l-ispejjeż għat-tħejija tal-post bħal: toilets, u xi alterazjonijiet biex ikun aċċessibbli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali f'kull parti tal-post.

Qed jiġi ssuġġerit li jkun hemm kċina separata għall-użu taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li tkun tingħalaq u ċ-ċavetta tkun biss f'idejn l-*officer in charge* taċ-ċentru. Għandu jkun hemm ukoll area li tintuża għall-krafts.

**Ċwievet**

Tlett partijiet għandu jkollhom aċċess għall-binja f'kull ħin tal-ġurnata iżda l-użu taċ-Ċentru għall-Anjzani għandu jkun bejn it-8.00am u l-4.00pm bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa minbarra Festi Pubbliċi u bl-eċċezjonijiet meta jintuża f'xi okkażjonijiet filgħaxija dejjem bi pre avviż u qbil mal-iscouts minn qabel.

Il-Kunsill, jirriżerva d-dritt li juża din is-sala għall-użu ieħor tal-komunita skond il-bżonn u l-ħtieġa bejn it-Tlieta u l-Ħamis mill-4.00pm 'l quddiem.

**Insurance tal-post**

L-insurance tal-post għandha tkun imħallsa bl-istess pro-rata tal-kirja u tiġi ffinanzjata mill-Kunsill.

**Computers**

Jista' jkun hemm lezzjonijiet tal-computer min-naħa tal-Kunsill b'hekk irid jinstab post adekwat fejn ser jitmexxew il-lezzjonijiet.

**Air-conditioners**

Dawn jiġu installati u jintużaw għall-iskop tal-użu tal-anzjani u għal-lezzjonijiet li jsiru fl-istess Ċentru wara l-4.00pm bejn it-Tlieta u l-Ħamis kif ukoll meta jkun hemm bżonn mill-iScouts.

**Uffiċċju separat għall-Użu tal-*Officer in Charge***

Preżentement hemm uffiċċju kbir u għandu jinqasam fi tnejn. Wieħed jintuża mill-Officer in Charge taċ-Ċentru u ieħor għall-Iscouts u kulħadd ikollu ċwievet separati.

***Toilet* għall-Użu tal-Istaff taċ-Ċentru kif ukoll għall-Użu ta' Dawk li Jmexxu l-Iscouts**

Preżentement irid isir toilet bil-madum, bieb u aċċessorji oħra.

**Toilet ieħor**

Għall-użu kemm mill-Anzjani membri kif ukoll mill-iscouts u l-pubbliku in ġenerali

**Inventarju**

Irid isir inventarju separat li jiġi rivedut kull sena.

Is-Sindku pproponiet li abbażi li l-kuntratt ser jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin, il-Kunsill imexxi bix-xogħol rikjest, filwaqt li l-kuntrattur eżistenti jiġi nfurmat li l-kirja eżistenti ser tiġi tterminata fil-31 ta' Diċembru 2009.

## 10.00 Għażla ta' Impjegati Klerikali

Wara li saru l-intervisti l-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla fejn irrakomanda lis-Sna Maria Ferriggi u lis-Sna Anna Vassallo u f'każ li xi ħadd minnhom ma jaċċettax tintgħażel Sna Jeanette Micallef.

## 11.00 Aġġornamenti

**Il-Kunsillier Raymond Tabone**

11.01 Gibed l-attenzjoni li s-servizz tal-padoloġija lill-anzjani fiċ-Centru ta' Matul il-Jum m'għadux jiġi pprovdut. Gie deċiż sabiex nistaqsu lill-uffiċjal inkarigata għaliex dan is-servizz m'għadux jiġi pprovdut. Servizz ta' Padoloġija

**Il-Kunsillier Mario Camilleri**

11.02 Ġibed l-attenzjoni li qed ikun hawn ħafna dgħajjes u *trailers* fil-parkeġġi tal-karozzi. Ġie deċiż li tinġibed l-attenzjoni tal-Pulizja u l-Gwardjani Lokali dwar dan. Dgħajjes u trailers

11.03 Ippropona li meta ssir attivita' mill-grupp STAND, għandu jiġi kkunsidrat li din tiġi organizzata STAND

konġunta mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

11.04 Staqsa dwar il-*Pelican lights* tal-Qawra fejn gie infurmat li l-kuntrattur qed istenna l-permess tat-*trenching.* — Pelican lights

11.05 Ġibed l-attenzjoni li jekk l-uffiċċju tal-Kumitat Konġunt ser jispiċċa minfejn qiegħed bħalissa minħabba r-riforma tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill jista' jikkunsidra li juża' din il-binja bħala l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. — Uffiċċju KKT

**Il-Kunsillier Peter Abela**

11.06 Gibed l-attenzjoni li saru xi linji bla permess fi Triq il-Luzzu li għandhom jitneħħew. — Linji fi Triq il-Luzzu

11.07 Gibed l-attenzjoni li fejn is-Suncrest u l-Pjazza qed jarmaw xi Hawkers. Burmarrad ukoll qed jarma ieħor bil-ħaxix: dawn għandhom jitneħħew. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li dawn qed jaqilgħu lira u m'hu qed itellfu lil ħadd. — Hawkers

11.08 Ippreżenta ritratt ta' ħmieġ fl-akkwata ta' Erba' Mwieżeb u ppropona li għandhom jitneħħew iż-żewġ filati tal-ġebel kemm hawnhekk u kif ukoll kull fejn hemm oħrajn simili. Dan għaliex qed ikunu mira ta' rimi ta' skart. — Rimi ta' skart

Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li dan mhux possibli jekk ma jinġibx permess tal-MEPA.

11.09 Ippreżenta lista ta' illmenti u talbiet għal xogħol varju. — Illmenti u xogħol varju

**Il-Kunsillier Ray Bartolo**

11.10 Ippropona lill-Kunsill li jagħmel riċerka dwar min għandu titlu tal-bandli ta' Burmarrad. — Bandli ta' Burmarrad

11.11 Attenda laqgħa dwar attivita' ta' quiz miftuħa għar-residenti li ser issir f'Dar l-Ewropa. — Quiz: Dar L-Ewropa

11.11 Ippropona li peress li ma kien hemm l-*ebda feedback* dwar il-welcome boards li ser jisponsorjaw l-HSBC, il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi sabiex jordna tali boards għall-Burmarrad u l-Wardija. — Welcome Boards

11.12 Ressaq proposta sabiex tintbagħat reminder dwar it-talba sabiex titpoġġa barrier fiż-żona ta' Wied Qannotta — Barrier f'Wied Qannotta

11.13 Inġibdet l-attenzjoni li fil-funtana ta' Burmarrad qed joqgħod l-ilma b'konsegwenza li jagħmel riħa xejn pjaċevoli. Ġie deċiż li jinġabru quotations dwar funtani għal dan il-post. — Funtana: Burmarrad

**Il-Kunsillier Alfred Grima**

11.14 Irrefera għal bozza fi Triq San Pawl li tkissret meta kien hemm inċident stradali u s'issa għada ma twaħħlitx. Gie deċiż li għandha tinkiteb ittra lill-Enemalta sabiex inżommuhom responsabbli jekk ikun hemm xi aċċident f'din iż-żona b'mod partikolari minħabba li jgħixu l-anzjani f'din l-akkwata. — Bozza fi Triq San Pawl

11.15 Irrefera għar-riforma tal-Kunsilli Lokali u nnota li l-problema ma gietx indirizzata f'dak li għandu x'jaqsam id-dawl, partikolarment li l-Kunsill m'għandux jitlob għall-permess mingħand l-Enemalta fejn jirrigwarda twaħħil ta' bozzoz ġodda. — Riforma tal-Kunsilli Lokali

Sindku Graziella Galea

11.16 Infurmat lill-Kunsill li qed jinġabru l-lista ta' residenti interessati li jitlaqqmu kontra l-influwenza u pproponiet li l-Kunsill iħallas l-ispiża tat-tilqim. Il-Kunsill approva. — Tilqima kontra l-influwenza

11.17 Il-Kunsill ingħata €100 000 mill-iSkema Fondi Speċjali għal tindif u rikostruzzjoni ta' toroq fiż-żoni turistiċi, u pproponiet li, b'kollaborazzjoni mal-ADT għandhom isiru Triq l-Imsell u Triq id-Dolmen bit-tarmak kompluti bil-bankini. Il-Kunsill qabel. — Fondi Speċjali

11.18 Infurmat lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Frank Gauci qed jiġi mħejji r-rapport dwar l-iskambju taż-żgħażagħ li għandu jiġi sottomess lill-aġenzija kkonċernata. — L-iskambju taż-żgħażagħ

11.19 Infurmat lill-Kunsill li t-Taqsima tax-xogħolijiet Pubbliċi għamlu manutenzjoni lill-bandli ta' Burmarrad kif ukoll tal-Veċċ u pproponiet li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Uffiċċjal inkarigat u lill-Ministeru. Il-Kunsill qabel. — Bandli

11.20 Ipproponiet li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-*New Dimensions Scuba* talli naddfu qiegħ il-baħar fl-akkwata tas-Sirens kif ukoll lil-Lotta Club talli għenu f'din l-ativita. Il-Kunsill qabel. — Tindif ta' qiegħ il-baħar

11.21 Infurmat lill-Kunsill li se żżewweġ l-ewwel koppja bi żwieġ ċivili nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 2009. — Żwieġ Ċivili

11.22 Ipproponiet li jsiru tlett attivitajiet hekk kif ġej: ikla fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjani skedata għal Ottubru 2009, ħarġa għall-Palazz Verdala skedata għal Novembru 2009 u ħarġa sabiex naraw il-Prespji fix-xahar ta' Diċembru 2009. Il-Kunsill approva. — Attivitajiet

11.23 Ipproponiet li jsiru korsijiet bażiċi tal-Kompjuter għall-prezz ta' €330 flimkien mal-ipprintjar u tqassim tal-flyer, kif ukoll kors ieħor tal-ECDL għar-residenti tal-lokalita'. Il-Kunsill approva. — TCTC

11.24 Ippreżentat kopja tal-istimi ta' kisi ta' toroq u xogħol ta' bankini hekk kif imħejji mill-Perit tal-Kunsill, skont dawn it-toroq imniżżla bħala l-aktar gravi fir-rapport tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Hi pproponiet li xogħol ta' bankini għandu jsir bil-konkos u mhux pavimentar. Kopja tal-istima ser tiġi mgħoddija lill-kunsilliera sabiex jaraw iridux iżidu xi xogħol ieħor sabiex sal-laqgħa li jmiss ikunu ppreparati l-istimi. Il-Kunsill qabel. — Xogħol infrasfrutturali

11.25 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivana Sylvie Magri, minkejja li ġiet mitluba sabiex tagħmel użu mil-leave b'vakanza, uriet l-intenzjoni li tagħmel użu minnu f'daqqa. Il-Kunsill m'approvax din it-talba; peress li l-leave tal-iskrivani jista' jiġġedded darba kull sentejn, din għandha tużah sa l-aħħar tas-sena. — Leave b'Vakanza

## 12.00 Egħluq tal-Laqgħa

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fid-9.45pm. Data u ħin tal-laqgħa li jmiss titħabbar aktar tard.

Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li ser ikun imsiefer nhar is-27 ta' Novembru 2009. Il-Kunsill qabel li jibda jiltaqa' nhar ta' Ħamis meta hu possibbli.

***Perit Graziella Galea** BE & A (Hons)*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

7 ta' Ottubru 2009

ref: 55/ 6856/ 09/ Orc